MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 258/2002/1

**Peter Busuttil**

**vs**

**Public Broadcasting Services Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta` Frar, 2002 fejn l-attur qed jitlob li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` elf, mija u hamsin lira (Lm1,150) nkluza taxxa tal-VAT rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi ta` ffilmjar u xoghol iehor affini rezi fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta kif jirrizulta mill-annessa invoice mmarkata Dok. B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 28 ta` Settembru, 2001 u bl-imghax legali sad-data ta` l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-4 ta` Marzu, 2002 fejn ikkontestat it-talba attrici minghajr ma tat ebda spjegazzjoni ulterjuri; b'riserva tal-prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

Ra r-risposta ulterjuri prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 17 ta` Gunju, 2002 fejn giet interposta l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni ai termini ta` l-artikolu 2149 (c), Kap. 16 tal-ligijiet ta` Malta u dana in vista tal-fatt li s-servizz inghata fis-sena 1998 filwaqt li l-ewwel talba giet intavolata fis-sena 2001.

Gie notat illi permezz ta` sentenza datata 7 ta` Frar, 2003, dan it-Tribunal kif diversament presjedut kien irrespinga l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, liema decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell fit-28 ta` April, 2004 li wkoll ordna l-prosegwiment tal-kaz fuq il-meritu.

Ra u ezamina l-provi migjuba u d-dokumenti ezebiti.

Innota li ghalkemm din il-kawza kienet ilha zmien twil qed tigi differita ghal transazzjoni ahharija, dina baqghet qatt ma mmaterjalizzat.

Ikkunsidra.

L-attur jispjega li huwa kien gie nkarigat mis-socjeta` konvenuta sabiex jipproduci programm biex jigi trasmess fuq il-PBS f'zewg serati, liema programm fil-fatt sar u ntwera fil-5 u fis-6 ta` Jannar, 1998. Gew ezebiti wkoll xi dokumenti bhala prova ta` tali trasmissjoni. Ighidilna li l-ftehim kien sar bil-fomm ma` Albert Marshall, dak iz-zmien, Chief Executive tas-socjeta` konvenuta pero` kien hemm prezenti xi ufficcjali ohra. Kien hemm ftehim fuq hlas pero` ma ssemma ebda ammont specifiku. Huwa jghid li wasal ghac-cifra hawn mitluba billi kkalkula n-numru ta` sighat u n-numru ta` programmi trasmessi. Is-socjeta` konvenuta ma kienet resqet ebda ilment mieghu rigwardanti dan ix-xoghol imwettaq minnu. Barra minnhekk ipprezenta Dok. AA1, konsistenti fi breakdown

ta` l-invoice tieghu ezebita ma` l-avviz bhala Dok. B. Huwa jispjega li x-xoghol kien sar f'Jannar, 1998 u mhux f'Dicembru, 1998 kif hemm erronjament indikat fuq il-fattura Dok. B.

Eric Vella Bonnici, Finance Manager mas-socjeta` konvenuta, jispjega li l-ewwel darba li ra l-invoice Dok. B kien ghal habta ta` Frar, 2001 li nghatat lil Financial Controller sabiex japprova l-pagament mitlub. Apparti dan ix-xhud, is-socjeta` konvenuta naqset li ttella` prova wahda biex tikkontesta t-talba ta` l-attur u dana sa mis-seduta ta` l-24 ta` Frar, 2005. U dana apparti l-fatt li l-eccezzjoni taghha fuq il-meritu hija wahda vaga hafna u se mai kien certament jehtieg li tigi spjegata ahjar.

Illi jigi notat ukoll li l-kawza thalliet ghal hafna drabi ghal probabbli transazzjoni jew ghal probabbli cessjoni minhabba l-possibbilita` ta` ftehim, liema cirkostanza pero` baqghet qatt ma mmaterjalizzatx.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta fil-meritu, kwindi jilqa` t-talba ta` l-attur kif dedotta u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma lilu dovuta ghal servizzi rezi fl-ammont ta` elf lira (Lm1,000), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza nkluza t-taxxa tal-VAT bir-rata attwali a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------